***Konferenza Stampa 29.09.25***

**Organizzazzjonijiet iwissu dwar il-konsegwenzi diżastrużi tar-"riforma" tal-Ippjanar qabel il-protesta nazzjonali ta' nhar is-Sibt**

Organizzazzjonijiet fi ħdan il-kampanja Ġustizzja għal Artna għamlu konferenza stampa quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar biex itennu t-talbiet urġenti tal-protesta nazzjonali ta' nhar is-Sibt. Il-post intagħżel mhux biss għax il-PA hija simbolu tas-sistema attwali tal-ippjanar li tinsab fi stat ta' taħsir, iżda wkoll għax ir-"riforma" proposta tagħtiha setgħat arbitrarji u mhux ikkontrollati, u tqiegħdha fuq kull istituzzjoni oħra.

L-organizzazzjonijiet spjegaw kif iż-żewġ abbozzi ta' liġi u t-tliet avviżi legali mressqa mill-Gvern se jeqirdu kważi l-protezzjonijiet eżistenti kollha tal-ippjanar. L- Abbozz ta' Liġi 143 jagħti lill-PA is-setgħa li timmodifika l-Pjanijiet Lokali, bħal pereżempju tneħħi żoni minn ODZ jew tbiddel l-għoli tal-bini, anke f'żoni sensittivi bħal UCAs. Dan jiftaħ il-bibien għal mewġa ta' applikazzjonijiet minn żviluppaturi biex ikollhom iktar art għall-kostruzzjoni jew biex jintensifikaw l-iżvilupp għall-profitt personali tagħhom. L-abbozz jagħti wkoll setgħat arbitrarji ulterjuri lill-PA u lill-Ministru, bħall-ħruġ ta' politiki mingħajr konsultazzjoni pubblika, li jissuperaw kull regolament ieħor, u saħansitra li jagħtu l-ħajja lil permessi skaduti.

L-Abbozz ta' Liġi 144 jagħmilha ħafna iktar diffiċli biex wieħed jappella deċiżjonijiet tal-PA billi jillimita l-bażijiet għall-appell, joħloq theddida ta' multa ta' €5,000 fuq l-appellanti, u jagħti setgħat arbitrarji lit-Tribunal biex jimmodifika pjanijiet approvati. U dak li hu l-iktar allarmanti hu li l-Qorti stess se titlef is-setgħa tagħha li tħassar permessi mogħtija b'mod irregolari.

Barra minn hekk, it-tliet avviżi legali ppubblikati bħala parti minn dan il-pakkett ta' "riforma" se jirregolarizzaw kull tip ta' żvilupp illegali, mingħajr ebda limitazzjoni fuq it-tip, il-post jew id-daqs.

Huwa ċar li dawn il-liġijiet mhuma xejn ħlief lista tax-xewqat tal-iżviluppaturi. Huma se jwasslu għal inġustizzji soċjali profondi, tnaqqis qawwi fil-kwalità tal-ħajja, u qerda ambjentali mifruxa. Se jħallu r-regħba teqred mhux biss il-preżent tagħna, imma wkoll il-futur ta' wliedna.

It-talbiet tagħna huma dawn:

1. L-irtirar immedjat tal-abbozzi ta' liġi u l-avviżi legali. Ma tistax issir konsultazzjoni dwar leġiżlazzjoni li hija fundamentalment difettuża, malizzjuża fl-intenzjoni tagħha, u li ma tistax tissewwa.

2. L-introduzzjoni urġenti ta’ miżura li tissospendi x-xogħlijiet ta’ żviluppi approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar waqt li jkun għaddej appell, permezz ta’ emenda għal-liġi eżistenti.

3. Il-pubblikazzjoni ta’ White Paper biex titnieda konsultazzjoni ġenwina dwar ir-riformi usa’ tal-ippjanar li Malta verament teħtieġ.

Aħna nemmnu bil-qawwa, u l-esperjenza wrietna bosta drabi, li l-poplu għandu l-kapaċità li jwaqqaf dan l-attakk fuq il-ġid komuni u fuq id-demokrazija f’pajjiżna.

Fid-dawl ta’ dan, il-poplu Malti u Għawdxi huwa mħeġġeġ biex jingħaqad magħna fil-protesta nazzjonali Ġustizzja għal Artna: Irtirawhom Issa! li se ssir nhar is-Sibt 4 ta’ Ottubru u li se tibda fl-10:00am minn quddiem il-Qorti.

M’għandniex għażla oħra. Irridu nieħdu azzjoni. Irridu nwaqqfuhom issa.

Gruppi madwar Malta u Għawdex, kemm dawk formali kif ukoll dawk informali, huma wkoll mistiedna jingħaqdu magħna billi jibagħtu email lil info@gustizzjartna.org. Iktar minn 45 grupp diġa wrew l-appoġġ tagħhom lejn il-protesta.

141 Records
7R Lifestyle Malta
Aditus Foundation
Azzjoni: Tuna Artna Lura
Bandiera tal-Ħaddiem
BirdLife Malta
Criminology Students Association (CSA)
Dance Beyond Borders
Din l-Art Ħelwa
Din l-Art Ħelwa - Għawdex
Earth Systems Association (ESA)
Flimkien għal Ambjent Aħjar
Friends of the Earth Malta
Front Żgħażagħ għall-Ambjent
Għaqda Residenti tal-Qrendi
Għaqda Storja u Kultura Birżebbuga
Għaqda Studenti tal-Liġi (GħSL)
Għawdix
Humanists Malta
Illum
Kopin
Kunsill Studenti Universitarji (KSU)
Light Pollution Awareness Group

Malta Rangers Unit
Malta University Historical Society (MUHS)
Malta-Arch
MaltaToday
Maltese Honey Bee Foundation
Marsaskala Residents Network
Marsaxlokk Heritage
Men Against Violence
MGRM
Moviment Azzjoni Socjali
Moviment Graffitti
Nature Trust Malta
Occupyjustice
Pembroke Residents
Ramblers Association Malta
ReLeaf
Repubblika
Residenti Beltin
S-Cubed
Sharklab Malta
Sliema Residents Association
Wirt Għawdex
Wirt iż-Żejtun
Żminijietna

www.gustizzjartna.org